# IT-TREJDJUNJONISTA

**Leila Abouzeid**

Sema' taqtigħa bejn il-qtates – għajat u twerżiq. Kienu l-għaxra ta' billejl. Qabbad sigarett, żammu bejn xofftejh u beda jagħfas il-kaxxa tat-televixin. Fuq l-iskrin dehru tfal iħaġġru suldati Lhud f'vetturi militari u f'tankijiet tal-gwerra, imbagħad dehret toqba f'saqaf, b'vireg tal-ħadid mgħawġin, uħud imdendlin, u minnhom kien jidher is-sema. Mara qalb it-tifrik qed turi lejn it-toqba u tipprotesta mal-kamera. Ma kienx jaf jekk dawk id-dehriet kenux mix-Xatt tal-Punent jew minn Bagdad.

Qaleb l-istazzjon u deher xwejjaħ jixref minn kamra f'bini bil-faċċata mġarrfa, imbagħad deher radam u mara li bdiet tgħid:

"Ġarrfu d-dar; ġarrfuha bil-buldowżers."

"Nirr'Alla jġarrafhom, lilhom u 'l min iżomm magħhom. Amen!"

Hekk qal, waqt li l-"amen" lissinha b'qalbu kollha. Qaleb l-istazzjon għal darb'oħra u deher radam ieħor, bħal ta' qabel, iżda din id-darba qalb siġar kbar u Amerikan twil u mġissem jipponta lejh u jgħid:

"Iġġarrfet id-dar. Għollieha r-riħ u sabbatha ma' l-art... f'inqas minn sekonda!"

Il-korrispondent żied jgħid:

"Bla ebda buldowżer... iġġarrfu d-djar u s-siġar baqgħu wieqfa."

Baqa' jaqleb l-istazzjonijiet bl-istess dehriet sa ma waqaf fuq kantant mill-Golf Għarbi mdawwar b'nisa b'xagħarhom twil u d-dehra ta' l-Emir ta' pajjiżu jagħtih midalja. Il-kantant qal lill-preżentatriċi mil-Libanu:

"Il-maħbub Altezza Rjali ħeġġiġna u għenna. Sinċerament, ma naqas qatt!"

"Mela, għandkom xi strateġija?"

"Dażgur! Għamilnieha."

"X'inhi?"

"Strateġija dinjija."

"Jiġifieri li d-dinja kollha tisma' l-għanja mill-Golf Għarbi? Intom ċerti minn din il-ħaġa?"

"Mhux diġà għamilnieha fid-dinja Għarbija?"

Ħarrek rasu b'daħka u tefa t-televixin. Qam u dar it-twieqi biex jara li magħluqin sewwa. It-taqtigħa tal-qtates issa kienet waqfet. Daħal fil-kċina u fetaħ il-vit li beda jgelgel. Laqa' l-ilma f'idejh u xarrab wiċċu, filwaqt li l-ilma kien nieżel mid-drejn għal ġo barmil.

Mar lejn l-armarju bil-kotba, beda jaqla' kotba ta' novelli u antoloġiji tal-poeżija, jaqra t-titli u jrodd il-kotba f'posthom. Tahom dahru mifxul u qal:

"Mill-arrest għall-indeċenza u l-oxxenità. Sa ppruvaw jinqdew b'Alla biex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom. X'ħin sar issa? Il-ħdax." Staqsa u wieġeb lilu nnifsu.

Ġibed siġġu u tela' fuqu. Mill-ogħla xkaffa silet fajl tal-plastik f'għamla ta' kaxxa u għafas bħal buttuna biex jiftħu. Il-klieb nebħu. Hu nħasad u s-siġġu triegħed. Mill-fajl xterdu karti u ritratti, u hu waqa' għal wiċċu.

Ħass uġigħ qawwi f'rasu u ġismu merħi. Il-ġilda tas-siġġu tqattgħet. Minn barra nstemgħu xi ħsejjes. Ġie f'sensih, qam, resaq bil-mod lejn it-tieqa u qal:

"Nirr'Alla joħodkom, ja qabda ħallelin!"

Waħħal wiċċu mal-persjana, maħkum mill-biża'. Ħares minn bejn ix-xquq; ra dawl ta' torċ jitbandal fuq it-triq miksija trab u sema' passi ta' nies u bhejjem, u storbju sħiħ. Baqa' mwaħħal fejn kien sa ma l-ħsejjes tbiegħdu u l-klieb siktu.

Tbiegħed mit-tieqa filwaqt li b'id mitluqa u mriegħda qabad xofftu t'isfel u qal bejnu u bejn ruħu:

"Dan hu ż-żmien ta' l-irtirar li ilek toħlom bih!"

Dehret quddiemu surtu fil-mera: ġisem niexef, daqna bajda rqiqa, għajnejn imbeżżgħa bi sfura skura taħthom, wiċċ musfar u ħaddu tal-lemin imnaqqax bil-ponot. Qal lil surtu:

"Daqshekk! Spiċċajt!"

Beda jaħrab milli jħares lejn għajnejh, u l-biża' żdiedlu. Beda jkaxkar bil-qorq ta' ġewwa u miexi jżomm idu mal-ħajt. Daħal fil-kċina, iżda f'daqqa waħda nesa għal xiex kien mar hemm. Waqaf fejn kien, iteftef f'beżbużtu l-bajda u staqsa:

"Għal xiex ġejt hawn?"

Fetaħ il-friġġ u ħareġ flixkun ilma, iżda waqagħlu minn idu u tfarrak. Il-qabda mitruħa t'idu bħal baqgħet iżżomm il-vojt, u mbagħad ħareġ jirfes fuq l-ilma u l-ħġieġ imkisser.

Ġabar il-karti u r-ritratti u telaq lejn il-kamra tas-sodda, u ma riedx iħares lejn il-mera. Qegħedhom f'qiegħ is-sodda u nxteħet fiha. Deffes sigarett f'ħalqu, qabbad sufarina u fil-kenn t'idejh imriegħda ressaqha lejn wiċċu. Id-dawl xtered minn bejn is-swaba' u wiċċu ddawwal. Ipprova jżomm in-nar mas-sigarett jirtogħod iżda ma setax. Għalhekk beżqu u qiegħed is-sufarina fl-axtrej. Ħass spalltu tibbies u bugħawwieġ f'qaddu qatagħlu nifsu. Il-waqgħa għadha tinħass, mela. Issa sar nofsillejl u l-qtates reġgħu bdew iwerżqu.

"Ħadtha mal-qawwiet ta' l-oppressjoni u d-despotiżmu, u issa erba' bdiewa żergħu l-biża' fik? Int? It-trejdjunjonista t'esperjenza li qattajt għomrok u żmienek fid-dimostrazzjonijiet, f'kemm-il miting, fi strajkijiet b'okkupazzjoni tal-postijiet tax-xogħol, fl-għases u fil-ħabsijiet? Ħares lejk innifsek! F'sena waħda nħkimt mill-biża' u d-dgħufija. Jisirqulek il-qamħ u l-għads, jgħaddu bih minn taħt it-tieqa tiegħek, u int tittawwal mit-toqba, bħal ġurdien."

Qabdu attakk ta' sogħla li riegħdu, qatagħlu nifsu, ċarratlu l-pulmun, qasamlu sidru u ħallieh iħarħar u jilheġ. Ħassu bħal biċċa ċarruta mormija.

Is-sagħtejn ta' filgħodu. Nifsu kkalma issa. Qabad il-karti u reġa' lura fl-imgħoddi:

L-Ewwel ta' Mejju 1960. "Sħabi l-ħaddiema, tafu li żewġ terzi tad-dħul nazzjonali jitqassam fuq kwart tal-popolazzjoni? Għalhekk, l-ewwel għan tagħna huwa t-tqassim ġust tad-dħul nazzjonali." Sema' ċ-ċapċip u l-għajat li dewa fil-grawnd tal-futbol f'Casablanca.

"Il-gvernijiet marru u ġew, u l-qagħda baqgħet li kienet."

Ġie f'moħħu l-ponn merfugħ 'il fuq u l-istess slowgans: il-patrunaġġ, l-amministrazzjoni tal-gvern, l-għedewwa, it-trejdjunjin ċentrali, l-istrajk, l-okkupazzjoni tal-post tax-xogħol, il-battalja...

"Ħaġa waħda, sħabi l-ħaddiema, hija l-istess għal kulħadd – it-tkagħwiġ. Iżda hemm min jitkagħweġ b'indiġestjoni u hemm min jitkagħweġ bil-ġuħ. Għalhekk it-tieni għan tagħna huwa li ngħollu l-pagi." Għal darb'oħra nstama' ċ-ċapċip u l-għajat.

"Il-kostituzzjoni u ż-żjieda fil-pagi. Jekk hemm l-ikel, jeħtieġ li jiekol minnu kulħadd, bħalma jgħid il-qawl Ċiniż. Hemm min jgħidlek: 'Kif?' Jien ngħidlu kif. Biż-żjieda tat-taxxi. Billi nieħdu mill-għani u nagħtu lill-fqir, billi nagħtu lill-ħaddiem u lill-bidwi l-kura medika, it-tagħlim, il-magna u t-trakter, billi nħeġġu l-kooperazzjoni u s-solidarjetà u neqirdu l-egoiżmu u l-individwaliżmu. B'hekk nibdlu l-fqir f'għani u nqiegħdu fis-sod l-imħabba u nibnu soċjetà progressiva ġdida u miftuħa, minflok is-soċjetà reazzjonarja tagħna li ma tafx bi progress.

"Sħabi l-ħaddiema, min iħaddem jittratta l-bdiewa bħallikieku lsiera, bil-mentalità tas-sid; il-mentalità fewdali li wara l-marokkanizzazzjoni saret ogħla mil-liġi."

Kont qed toħlom b'għajnejk miftuħa u l-poplu jgħajjat u jċapċap. "Nieħdu mill-għani u nagħtu lill-fqir biex insaħħu l-imħabba?" Hawn arak, int tajt. Ma tajtx? Tajt aktar milli kellek tagħti. Għamilt tajjeb għas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema u raqqadthom fil-kliniċi, u ġibt ruħek ma' kulħadd l-istess. Imma fejn hi din l-imħabba? Saħansitra jisirqulek l-ikel mill-kċina!

Niżżel il-karti u qabad ritratt, abjad u iswed, ta' meta kien għadu żagħżugħ, jindirizza ġemgħa oħra, bir-riħ

itajjarlu xuxtu s-sewda u t-truf tal-ġakketta. Fuq wara tar-ritratt hemm miktub: Casablanca, l-Ewwel ta' Mejju 1985. Qabad ir-ritratt bi truf is-swaba' musfara bit-tabakk u qallu:

"Hawn int, bniedem li għall-kawża tiegħek taqsam sebat ibħra u d-deżert ta' l-Arabja u terġa' lura b'mitt ġemla ħamra. Dakinhar, għedt hekk fid-diskors tiegħek:

'Id-deputat parlamentari li ma jattendix għas-seduti u jaċċetta s-salarju ta' tliet miljuni fl-aħħar tax-xahar ma jeħux ħsieb għajr l-interessi personali tiegħu. Id-deputat parlamentari li aktar ma jattendix milli jattendi jaqla' tliet miljuni, filwaqt li l-ħaddiem li jħabrek minn tlugħ ix-xemx sa nżulha jaqla' tliet franki. Għal xiex inħallsulhom il-miljuni? X'jagħmlu għalina? Sħabi l-ħaddiema, tafu li hemm liġijiet li għaddew b'għoxrin vot minn total ta' tliet mija u ħamsin deputat parlamentari? Tafu kemm-il impjieg nistgħu noħolqu bis-salarji ta' l-onorevoli deputati; dawk l-ixxurtjati; il-leġiżlaturi tal-politika tas-serq u ta' kif jagħmlu aktar lill-għonja?'"

Int sa wasalt biex sejjaħt lill-ministri ħallelin, kelma li minħabba fiha spiċċajt il-ħabs. Kont ġejt fix-xejn fil-ħabsijiet, mingħajr ma seħħlek tbiddel xejn. Qlajt daqqiet bil-ponn u bil-ħarta, weġġgħu 'l ommok u insulentaw lil missierek, u ma biddilt xejn għall-ġid tal-ħaddiema. Il-ħaddiema? Arahom, issa, ħadu l-qligħ u l-kapital u lilek ħallewlek it-taxxi u l-ħlasijiet ta' l-ilma għat-tisqija. Int x'ridtu r-razzett? Għaliex ma bqajtx f'darek? Jeħtieġ twaqqaf din it-tbatija; se tinqered, se jeqirdek il-biża', jekk ma jilħaqx jeqirdek l-attakk tas-sogħla. X'ħin sar?

L-erbgħa ta' filgħodu, u l-ħsejjes tal-qtates kienu waqfu mingħajr ma ntebaħ. Ħaseb fit-tul, imbagħad tbissem. Deher bħallikieku jaf x'għandu jagħmel. Bi tbissima kbira, tefa d-dawl filwaqt li qallu:

"Mur strieħ ftit."

Ħa nifs qawwi, imbagħad inxteħet wiċċu 'l isfel u telaq dirgħajh ma' ġnub is-sodda. Ma damx ma nstema' l-inħir.

Stenbaħ fil-ħdax u ħareġ. Mar lejn il-karozza, qabbad il-magna u daħal lura d-dar. Għamel bagalja, għabbieha fil-karozza, rikeb u telaq. Għadda mix-xatba tar-razzett, qabad it-triq bl-asfalt u qal bejnu u bejn ruħu:

"Ħallejtilhom ir-razzett? Ħarġuk minnu?"

Madankollu, inħakem minn sens ta' ħelsien, għafas il-gass u beda jkanta mar-radju.